

**Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)**

**11132/1/23
REV 1**

**ECOFIN 658
UEM 192
SOC 484
EMPL 335
COMPET 679
ENV 758
EDUC 271
RECH 303
ENER 394
JAI 904
GENDER 135
ANTIDISCRIM 129
JEUN 173
SAN 410**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	11132/23
Nru dok. Cion:	COM(2023) 603 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 taċ-Ċekja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 taċ-Ċekja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 603 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma taċ-Ċekja tal-2023 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza taċ-Ċekja għall-2023**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentrati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih hija identifikat li-Ċekja bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun friskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.
- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023 għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdeu bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investimenti ffinanzjati fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fl-1 ta' Ġunju 2021, iċ-Ċekja ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-8 ta' Settembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għaċ-Ċekja⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li ċ-Ċekja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.

⁶ ST 11047/2021 INIT; ST 11047/2021 ADD 1; ST 11047/2021 ADD 1 COR 1.

- (10) Fit-13 ta' April 2023, iċ-Ċekja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tagħha u, fit-28 ta' April 2023, il-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2023, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali taċ-Ċekja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza tagħha.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippublikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għaċ-Ċekja. Hija vvalutat il-progress taċ-Ċekja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħa kont tal-implimentazzjoni taċ-Ċekja tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress taċ-Ċekja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għaċ-Ċekja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li ċ-Ċekja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet huma relatati mal-kompetittività tal-prezzijiet u l-prezzijiet tad-djar, iżda aktarx ikunu limitati fil-futur hekk kif id-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa mrażżan u l-inflazzjoni hija mistennija li tonqos b'rata aktar mgħaġġla mill-medja tal-Unjoni. L-ekonomija kienet affettwata b'mod qawwi mix-xokk tal-prezz tal-enerġija bl-inflazzjoni tiżdied b'rata mgħaġġla. Pożizzjoni fiskali laxka mill-pandemija tal-COVID-19 ikkontribwiet ukoll għall-aċċellerazzjoni tal-inflazzjoni. Filwaqt li l-pressjonijiet ġenerali fuq il-prezzijiet għadhom għoljin, il-kompetittività tal-prezzijiet hija pproġettata li tirkupra parzjalment fost it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, u m'hemm l-ebda sfida immedjata ta' sostenibbiltà esterna. L-inflazzjoni hija mistennija li tonqos b'rata aktar mgħaġġla mill-medja tal-Unjoni. Madankollu, jekk l-inflazzjoni tippersisti, dan jista' jōhloq xi riskji għall-kompetittività taċ-Ċekja. Id-deterjorament reċenti tal-kont kurrenti jeħtieġ monitoraġġ ulterjuri mill-qrib. F'dawn l-aħħar snin, id-domanda għall-akkomodazzjoni żdiedet b'mod qawwi, xprunata minn rati tal-imgħax baxxi, tkabbir fl-introjtu għoli u miżuri makroprudenzjali laxki, u l-provvista tad-djar ma żammitx lura. Il-prezzijiet tad-djar żdiedu b'mod aktar qawwi matul il-pandemija iżda bdew jimmoderaw f'nofs l-2022 fost rati tal-imgħax oġhla u kundizzjonijiet ta' self aktar stretti. Madankollu, ir-riskji ta' korrezzjoni sinifikanti tal-prezzijiet tad-djar jidhru li huma baxxi, id-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa kkontrollat, u s-settur bankarju huwa sod. Madankollu, rispons limitat kontinwu għall-provvista fuq terminu medju jkompli jgħolli l-prezzijiet. Huma meħtieġa sforzi kontinwi biex titrażżan l-inflazzjoni. It-tnaqqis rapidu tal-inflazzjoni jeħtieġ tnaqqis qawwi fit-tkabbir tad-domanda, li min-naħa tiegħu jista' jinkiseb permezz ta' politika monetarja u fiskali stretta biżżejjed.

- (13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż taċ-Ċekja naqas minn 5.1 % tal-PDG fl-2021 għal 3.6 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż żdied minn 42.0 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 44.1 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja taċ-Ċekja, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2022 qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023. Il-Kummissjoni ddikjarat sussegwentement li kienet ser tippromponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. Jenħtieġ li ċ-Ċekja tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tnejn tal-baġit tagħha għall-2024.
- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri tal-politika fiskali li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu tnaqqis fid-dazji tas-sisa għall-petrol u d-diżil, il-kanċellazzjoni tat-taxxa tat-triq għan-negozji u tnaqqis fis-soprataxxa fuq l-enerġija rinnovabbli mħallsa mill-utenti finali; filwaqt li tali miżuri tal-politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu kontribuzzjoni ta' somma f'daqqa għall-kontijiet tal-enerġija (it-"tariffa tal-iffrankar"), l-appoġġ għall-industrija affettwata minn prezzijiet għoljin tal-enerġija u allowance ta' darba għat-tfal. Il-Kummissjoni tistma l-kost baġitarju net ta' daww il-miżuri fil-livell ta' 0.7 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.3 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.1 % tal-PDG fl-2022, minn 2.0 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 iċ-Ċekja⁷ żżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità, u tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2021 taċ-Ċekja, (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 10).

- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁸ fl-2022 kienet ġeneralment newtrali, fil-livell ta' -0.1 % tal-PDG, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, iċ-Ċekja kompliet tappoġġa l-irkupru inkluż b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 1.1 % tal-PDG fl-2022 (1.1 % tal-PDG fl-2021). L-investment iffinanzjat nazzjonalment ipprova kontribut newtrali għall-pożizzjoni fiskali⁹. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment (nett ta' miżuri ta' dħul ġodda) ipprova kontribuzzjoni kontrazzjoni ta' 0.3 punt perċentwali għall-qagħda fiskali. Għalhekk iċ-Ċekja żammet suffiċjentement taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata nazzjonalment. Iċ-Ċekja għalhekk ippreservat investment iffinanzjat nazzjonalment, kif rakkomandat mill-Kunsill.
- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023 huwa konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'0.1 % fl-2023 u b'3.0 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali simili ta' 0.2 % fl-2023 u 2.6 % fl-2024.

⁸ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

⁹ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment ipprovdiet kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.4 punt perċentwali tal-PDG, xprunata fost l-oħrajn minn pagamenti lill-Czech Post għall-forniment ta' servizzi postali universali għall-perjodu 2018-2022.

(18) Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jonqos għal 3.5 % tal-PDG fl-2023. It-tnaqqis marġinali fl-2023 jirrifletti prinċipalment nefqiet oġhla bħal sussidji relatati mal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija, jew formazzjoni grossa ta' kapital fiss oġhla, li huma kkompensati minn tkabbir aktar baxx f'partiti oħra ta' nefqa u dħul oġhla mill-fondi tal-Unjoni. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 44.1 % fi tmiem l-2022 għal 43.5 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 3.6 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 42.9 % fi tmiem l-2023. Id-differenza hija dovuta għal tkabbir nominali oġhla previst tal-PDG.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022 (b'mod partikolari: tnaqqis fis-soprataxxa fuq l-enerġija rinnovabbli mħallsa mill-utenti finali u f'dażji tas-sisa fuq id-diżil) u miżuri ġodda bħal limitu massimu fuq il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass u appoġġ fis-settur tat-tiżhin. Il-kost ta' daww il-miżuri huwa parzjalment ikkumpensat minn taxxi fuq profitti mhux mistennija tal-fornituri tal-enerġija, jiġifieri imposta li l-produtturi tal-elettriku jħallsu fuq dħul oġhla minn ċertu livell ta' prezz u taxxa fuq il-profitt mhux mistenni għall-kumpaniji attivi fil-produzzjoni u l-kummerċ tal-elettriku u l-gass, l-estrazzjoni fossili, il-fjuwils u l-petrokimiċi. Meta jitqies dak id-dħul, il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 1.3 % tal-PDG fl-2023¹⁰. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjtal tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹¹, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.1 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel maż-0.2 % tal-PDG fl-2022). Il-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna huwa pprojetat li jonqos b'0.1 punt perċentwali tal-PDG meta mqabbel mal-2022.

¹⁰ Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' daww il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 taċ-Ċekja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2022 taċ-Ċekja, (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 19).

- (20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li ċ-Ċekja tiegħu azzjoni biex fl-2023 tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika ġenerali newtrali¹², filwaqt li titqies it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Jenħtieġ li ċ-Ċekja tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali f'sitwazzjoni li qiegħda tevolvi. Ġie rrakkomandat li ċ-Ċekja wkoll biex tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.
- (21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun restrittiva (+1.4 % tal-PDG), f'kuntest ta' inflazzjoni għolja. Din issegwi l-pożizzjoni fiskali fil-biċċa l-kbira newtrali fl-2022 (-0.1 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 1.2 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Dan jinkludi l-kost imnaqqas tal-miżuri ta' appoġġ immirati għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija b'0.1 % tal-PDG. Dan jinkludi wkoll il-kost aktar baxx tal-offerta ta' protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (b'0.1 % tal-PDG). Fil-qosor, it-tkabbir ipprojetat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetata li tammonta għal 1.6 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.5 punt percentwali¹³. Għalhekk, iċ-Ċekja qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u mhijiex ipprojetata li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija bħat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku jew l-investimenti fil-ferroviji jew fis-servizzi diġitali li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni.

¹² Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-output potenzjali taċ-Ċekja, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) huwa stmat fil-livell ta' 13.3 % f'termini nominali.

¹³ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pprojetata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.1 punt perċentwali tal-PDG.

- (22) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 2.9 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment it-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jirriżultaw f'sussidji aktar baxxi, u tkabbir aktar baxx fil-pagamenti soċjali meta mqabbel mat-tkabbir fil-PDG nominali. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied għal 44.0 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 3.0 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa ġeneralment konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 43.1 % fi tmiem l-2024.
- (23) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi li l-kost nett tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ser ikun ta' 0.0 % tal-PDG fl-2024, meta mqabbel mal-1.3 % tal-PDG fl-2023. Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.

- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment¹⁴. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali u l-ħtieġa li d-defiċit jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.5 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali¹⁵ fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-6.0 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Dan ser jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-inflazzjoni bażika, li hija ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni, u li tista' twassal għal telf fil-kompetittività jekk tibqa' persistenti. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1.3 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata għall-2024.
- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment tikber għal 3.0 % fl-2024, li hija taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata.
- (26) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, l-investment tal-gvern huwa mistenni li jonqos minn 4.9 % tal-PDG fl-2023 għal 4.4 % tal-PDG fl-2024. L-investment aktar baxx jirrifletti investment iffinanzjat anqas fil-livell nazzjonali u mill-Unjoni, għajr il-Faċilità.

¹⁴ L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁵ In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata nazzjonalment netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax u n-nefqa ċiklika fuq il-qgħad.

- (27) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 2.4 % tal-PDG fl-2025 u għal 2.2 % sal-2026. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jonqos għal taħt 3 % tal-PDG fl-2024. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 44.0 % fi tmiem l-2024 għal 45.0 % sa tmiem l-2026.
- (28) Iċ-Ċekja qed tħabbat wiċċha ma' riskji għas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju u twil. Serje ta' miżuri fiskali b'impatt permanenti li ttieħdu f'dawn l-aħħar tliet snin, inkluż tnaqqis fil-bażi tat-taxxa fuq l-introjtu personali u diversi indicijar tan-nefquet tas-sigurtà soċjali oġhla mill-minimu statutorju, wasslu għal deterjorazzjoni tal-bilanċ strutturali. Hemm pressjoni addizzjonali fuq is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju sa twil minħabba żidiet fil-kost tat-tixjiħ. L-irduppjar previst tal-proporzjon tad-dipendenza fix-xjuħija¹⁶ u limitu massimu tal-età tal-irtirar wara l-2030 huma mistennija li jwasslu għal żieda fin-nefqa fuq il-pensjonijiet minn 8.8 % tal-PDG fl-2030 għal 11.4 % sal-2050. Barra minn hekk, l-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul huwa pprojettat li jiżdied b'0.9 punt perċentwali u 1.7 punti perċentwali tal-PDG rispettivament sal-2070 minħabba l-popolazzjoni li qed tixjiej. Miżuri possibbli biex tiġi indirizzata s-sostenibbiltà fiskali fit-tul jinkludu l-aġġustament tal-età tal-irtirar f'konformità maż-żieda fl-istennija tal-għomor, l-għoti ta' inċentivi biex jiżdiedu r-rati ta' parteċipazzjoni ta' persuni akbar fl-età, il-limitazzjoni tal-irtirar bikri, l-aġġustament tar-rati ta' indicijar tal-pensjonijiet u ż-żieda fil-provvista tax-xogħol sabiex jiġi żgurat dħul oġhla għas-sistema tal-pensjonijiet.

¹⁶ Skont ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2021 maħruġ mill-Kummissjoni f'Mejju 2021.

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza taċ-Ċekja tinsab għaddejja, minkejja r-riskji ta' xi dewmien. Iċ-Ċekja ppreżentat talba waħda għal pagament, li tikkorrispondi għal 37-il stadju importanti u mira fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' madwar EUR 928 miljun. Huwa meħtieġ aktar titjib fil-kapaçità amministrattiva u l-prijoritizzazzjoni tar-riformi u l-investimenti ewlenin biex tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha tal-pjan. Il-pjan huwa mistenni li jiġi rivedut fl-2023 b'addenda biex ikopri l-kapitolu REPowerEU l-ġdid u biex jakkomoda ż-żieda ta' appoġġ mhux ripagabbli. F'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-30 ta' Marzu 2023, iċ-Ċekja esprimiet l-intenzjoni tagħha li titlob sa EUR 11-il biljun ta' appoġġ ta' self addizzjonali bil-Façilità. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiçi taċ-Ċekja fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soçjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suççess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiçi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (30) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni taċ-Ċekja fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruçjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soçjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilançjat fiċ-Ċekja.
- (31) Lil hinn mill-isfidi ekonomiçi u soçjali indirizzati mill-pjan ta' rkupru u reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, iċ-Ċekja tiffaçča għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mad-djar, il-politika tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika.

(32) L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fiċ-Ċekja kienet fost l-aktar baxxi fl-Unjoni f'dawn l-aħħar ħames snin b'differenzi kbar bejn ir-reġjuni. Tkabbir għoli fil-prezzijiet tad-djar għamilha diffiċli għal gruppi b'introjtu medju biex jixtru proprjetà. Dan żied id-domanda għall-proprjetà tal-kiri, li min-naħa tagħha għamlitha inqas affordabbli. Barra minn hekk, l-istokk baxx tal-akkomodazzjoni soċjali ma jistax jissodisfa d-domanda tal-unitajiet domestiċi kollha bi dħul baxx u vulnerabbli (kien jammonta għal 0.4 % tal-istokk totali tal-akkomodazzjoni fl-2020 meta mqabbel ma' medja ta' 7-8 % fl-Unjoni¹⁷), u l-allowances eżistenti għall-akkomodazzjoni mhumiex utilizzati biżżejjed. B'riżultat ta' dan, l-għadd ta' familji fil-bżonn ta' akkomodazzjoni ilu jikber f'dawn l-aħħar snin, u dan ifisser żieda fil-kostijiet għall-baġit pubbliku u għas-sistema tal-kura tas-saħħa. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-influss ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna komplew jaggravaw dawn l-isfidi li kienu jeżistu qabel. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jibqa' sors importanti ta' pilotaġġ u finanzjament ta' investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. Madankollu, sorsi oħra ta' finanzjament huma meħtieġa biex is-sitwazzjoni titjeb b'mod sinifikanti. Iċ-Ċekja għandha nuqqas ta' leġiżlazzjoni u qafas komprensiv dwar l-akkomodazzjoni soċjali, li jagħmilha diffiċli li jiġu kkoordinati l-politiki frammentati dwar l-akkomodazzjoni u li jiġu definiti r-responsabbiltajiet fost il-korpi nazzjonali u reġjonali. Finanzjament stabbli u sostenibbli minn sorsi nazzjonali, flimkien mal-adozzjoni ta' inċentivi għall-kiri jew akkomodazzjoni kooperattiva, jgħinu biex tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u jiżguraw kontinwità u espansjoni għal tali sforzi. Koordinazzjoni effettiva tkun kruċjali biex tiżdied il-provvista tad-djar, ir-rikostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-unitajiet eżistenti tad-djar u l-użu ta' abitazzjonijiet battala.

¹⁷ OECD Affordable Housing Database (Bażi tad-Data tal-Akkomodazzjoni Affordabbli tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi), <http://oe.cd/ahd>.

- (33) Sa mill-bidu tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, iċ-Ċekja wiegħbet għad-dipendenza kbira tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja billi ddiversifikat il-provvisti tagħha tal-gass u taż-żejt. Bħala eżempju, iċ-Ċekja mxiet minn dipendenza sħiħa fuq il-provvisti tal-gass Russi għal prinċipalment l-użu ta' provvisti tal-gass diversifikati min-Norveġja u importazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat (liquefied natural gas, LNG). Madankollu, il-pajjiż ma rax tnaqqis fil-konsum tal-fjuwils fossili, li ħallieħ espost għal riskju għoli ta' tfixkil fil-provvista u żidiet qawwija fil-prezzijiet, b'effetti negattivi kbar għall-unitajiet domestiċi u l-industrija. Il-konsum tal-gass naturali miċ-Ċekja naqas bi 17 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 %. Iċ-Ċekja tista' tkompli ssegwi l-isforzi biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁸.
- (34) L-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fiċ-Ċekja kien imxekkel prinċipalment minħabba limitazzjonijiet regolatorji, proċeduri ta' għoti ta' permessi u kapaċità ristretta tal-grilja tad-distribuzzjoni. Iċ-Ċekja mxiet 'il quddiem fl-indirizzar ta' għadd ta' sfidi regolatorji bħall-abolizzjoni tal-ħtieġa għal liċenzja biex jiġi ġġenerat l-elettriku u permess tal-bini għal fotovoltajċi iżgħar (sa 50 kWp), u biex isiru bidliet regolatorji biex tiġi ffaċilitata l-installazzjoni. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex il-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli jingħataw is-setgħa, jiġi introdott punt uniku ta' servizz għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u jiġu introdotti żoni deżinjati biex tingħata spinta lill-użu tal-enerġija rinnovabbli billi jiġu mħeġġa l-espansjoni tal-grilja, il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija (bħar-rispons għad-domanda jew il-ħżin), l-installazzjoni ta' sistemi żgħar u l-kejl intelliġenti ser ikunu kruċjali. Ir-riformi regolatorji fil-grilji jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn investimenti fl-espansjoni tal-kapaċità tal-grilja, fl-inċentivar tal-flessibbiltà u fl-użu ta' sorsi rinnovabbli. Barra minn hekk, iċ-Ċekja għandha potenzjal industrijali solidu għall-manifattura ta' teknoloġiji ekoloġiċi u tista' tħaffef l-investimenti fl-iżvilupp u ż-żieda ta' soluzzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-klima u ta' dekarbonizzazzjoni sabiex jintlaħqu emissjonijiet zero netti sal-2050.

¹⁸ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

- (35) Iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija li rriżultat mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna enfasizzat il-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini Ċek u li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku. Iċ-Ċekja wiegħbet billi nediet programmi għal bini residenzjali u għenet lill-anzjani u lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika billi ssir aktar aċċessibbli. Dan huwa possibbli billi jiġi ffaċilitat l-aċċess amministrattiv għas-sussidji kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-industrija, inkluż permezz tal-bini tal-kapaċità u l-ħiliet fl-awtoritajiet pubbliċi. Kampanji ta' informazzjoni u servizzi ta' konsulenza ddedikati għall-pajjiż kollu huma meħtieġa wkoll biex jiżguraw li l-popolazzjoni tkun konxja tal-ħtieġa u l-benefiċċji assoċjati mat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u biex jgħinu lill-individwi u lill-industrija jaċċessaw is-sussidji faċilment. Barra minn hekk, iċ-Ċekja trid taċċellera t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li bħalissa ma għandhomx il-ħiliet meħtieġa għar-rinnovazzjonijiet tal-bini.
- (36) It-tnaqqis tal-esponiment taċ-Ċekja għall-fjuwils fossili jista' jinkiseb ukoll billi wieħed jaqleb għal ferroviji b'emissjonijiet żero u forom oħra ta' mobilità b'emissjonijiet żero. Madankollu, l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero u infrastruttura ta' ċċarġjar u riforniment ta' kapaċità għolja li tħares 'il quddiem kienet baxxa. Mil-lat regolatorju, ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Mobilità Nadifa u l-bidliet regolatorji assoċjati jenħtieġ li jkunu punt tat-tluq biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet abilitanti u jitneħħew l-ostakli għat-tranżizzjoni lejn mobilità b'emissjonijiet żero.

- (37) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-regġuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema fiċ-Ċekja għal seba' okkupazzjonijiet li jeħtieġu ħiliet speċifiċi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika (pereżempju, plumbers, fitters tal-pajpijiet, elettriciisti u mekkaniċi elettriċi)¹⁹.
- (38) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2023 u l-opinjoni²⁰ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1),

¹⁹ Abbażi tar-Rapport tan-network tas-servizzi Ewropej tax-xogħol (EURES) dwar in-nuqqas u l-eċċessi ta' ħaddiema 2022 imħejji mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, jiġifieri d-data ppreżentata mill-uffiċċji nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-EURES. Ir-rekwiżiti ta' ħiliet u għarfien huma bbażati fuq it-tassonomija Ewropea ta' Kompetenzi u Impjiegi ta' Ħiliet (European Skills Competences and Occupations, ESCO) dwar il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika. Eżempji huma analizzati fuq il-bażi tas-sehem ta' ħiliet tal-ESCO għat-tranżizzjoni ekoloġika f'setturi rilevanti. Id-data mhijiex komparabbli fost il-pajjiżi u tkopri varjetà wiesgħa ta' setturi.

²⁰ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li ċ-Ċekja tiegħu azzjoni fl-2023 u fl-2024 biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2024 għal mhux aktar minn 6.0 %²¹.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Tiegħu miżuri biex tiżgura s-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-finanzi pubbliċi, inkluża s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet.

2. Taċċellera l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, anki billi tiżgura kapaxità amministrattiva adegwata, u tiffinalizza malajr l-addendum, inkluż il-kapitolu REPowerEU, bil-ħsieb li tibda l-implimentazzjoni tiegħu malajr. Tkompli l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
3. Issaħħaħ il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, inkluż billi tadotta qafas leġiżlattiv speċifiku, ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-korpi pubbliċi differenti, u tinċentiva l-konstruzzjoni ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni ġodda kif ukoll ir-rinnovazzjoni ta' daww eżistenti.

²¹ Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.5 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

4. Tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Iżżid l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'investimenti addizzjonali fil-grilji tal-elettriku u l-użu dirett tal-kapaċità rinnovabbli. Tisimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tagħmel l-grilja adattata biex takkomoda l-aċċess għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' riformi addizzjonali, tneħħi r-restrizzjonijiet għal sorsi rinnovabbli fuq skala żgħira u l-istabbiliment ta' punt uniku ta' servizz, issaħħaħ il-flessibbiltà tal-grilja u toħloq kundizzjonijiet favorevoli għall-komunitajiet tal-enerġija. Iżżid l-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tisħin distrettwali u tal-istokk tal-bini billi tinċentiva rinnovazzjonijiet profondi u sorsi ta' sħana rinnovabbli, tiffaċilita l-aċċess amministrattiv għal sussidji kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-industrija, u t-tiħiħ tal-kapaċitajiet u t-titjib tal-ħiliet fl-awtoritajiet pubbliċi. Tippromwovi l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero u tagħti spinta lid-disponibbiltà ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil b'kapaċità għolja permezz ta' riformi ġodda li joħolqu kundizzjonijiet abilitanti u jneħħu l-ostakli eżistenti għall-varar tal-vetturi u tal-infrastruttura. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
